**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX**

**20 ta' April, 2016**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur David Abdilla.

**SKUŻAT**

Il-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard avża li ma setgħax jattendi minħabba x-xogħol tiegħu is-Sur Dino Bonnici avża li ma setgħax jattendi minħabba li qed jattendi kors ta'Kana, is-Sur Pierre Farrugia nforma li ma setgħax jattendi minħabba li jinsab marid. (dok1. Mehmuż)

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**13.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

13.1.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma li fir-rigward ta' punt 12.6.1, hu attenda għal-laqgħa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill u tkellmu fuq l-attivita' proposta biex jinġabru fondi għal NGO minn attivita' ta' tluq ta' tajr tal-karti.
Wara l-laqgħa, l-membri ġew infurmati li bejjiegħa tal-ikel ma setgħux jattendu minħabba li l-attivita' ser issir fl-Imnarja u huma jinsabu diġa impenjati f'din l-attivita'. Min jieħu ħsieb il-bar tal-Ġnien il-Ġibjun lest li jagħti l-għajnuna tiegħu billi jissuplixxi umbrelel tax-

xemx u donazzjoni.
Aktar dettalji jingħataw wara li ssir laqgħa oħra kif toqrob il-ġurnata tal-attivita'.

13.1.7 Ġew approvati l-minuti tat-tnax –il seduta.

***13.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ, ĠIEH IŻ-ŻURRIEQ U TAS-SOTTO KUMITAT ANZJANI U TAS-SOTTO KUMITAT KULTURA U TURIŻMU***

13.2.1 Ġew approvati l-minuti numru 23, tas-seduta tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li saret il-bieraħ 19 ta' April, 2016.

13.2.2 Ġew approvati l-minuti tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ numru 12.

13.2.3 Fir-rigward tal-Minuti tal-laqgħa li saret fuq Ġieħ iż-Żurrieq u ċ-Ċittadin Ewlieni, il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'din il-laqgħa ma kellhomx jattendu membri tal-Kunsill għax tali bord kellu jkun indipendenti. Hu żied jgħid li tali premijiet kellhom jingħataw fuq il-kriterji li kien ħareġ l-istess Kunsill għalhekk hemm min hu nnominat li ma jissodisfax il-kriterji tar-regolamenti li kienu saru.

F'dan il-punt is-Sindku qal li kull attivita' li jipprova jorganizza dejjem isib il-kritika tal-Kunsillier Joseph D'Amato, meta hu min-naħa tiegħu dejjem ħeġġeġ u ta' l-għajnuna lil kull kunsillier fl-attivitajiet li jagħmlu. Hu żied jgħid li fil-Kunsill hawn kunsilliera li għalkemm għandhom sotto kumitat qatt jew ftit li xejn laqqgħu lill-kumitat u ma għamlu xejn mid-dekasteru tagħhom.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-argument tas-Sindku m'għandux x'jaqsam ma l-argument li qed jipprova jagħmel hu. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li qed jgħid hu, hi kritika kostruttiva biex minbarra li l-Kunsill jimxi mar-regolamenti li kien għamel hu stess, l-attivita' tkun aħjar u b'mod aktar ordinat.

F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ġaladarba s-Sindku qed iwaqqfu milli jkompli u mhux qed jaċċetta kritika kostruttiva, ser ikollu jieqaf, għalkemm ma jaqbel xejn ma kif tmexxa tali kumitat.

Ġew approvati il-minuti tas-sotto kumitat premju Ġieh iż-Żurrieq.

13.2.4 Ġew approvati l-minuti numru tas-Sotto Kumitat Anzjani u dawk tas-Sotto Kumitat Kultira u Turiżmu.

### *13.3 APPROVAZZJONI tal-minuti tar-Reġjun Nofsinhar*

13.3.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat lill-Kunsill li ser torganizza attivita' għall-persuni b'diżabilita fit-30 ta' April, 2016, fejn dawk il-persuni kollha b'diżabilta u persuna li ser takkumpanjhom ser tattendi bla ħlas. L-attivita' ser tkun bit-trasport b'kollox u ser tkun tikkonsisti f'mawra fil-ġnien ta' Sant Anton u quddiesa mill-Arċipriet Rev Dun Karm Mercieca u mill-Viċi Arċipriet Dun Raymond Cassar. Tali fondi ser jingħataw mir-Reġjun Nofsinhar.

Ġew approvati l-minuti tar-Reġjun Nofsinhar numru 32.

### *13.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*

13.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fuq t-talba li għamel il-Kunsillier Dino Bonnici, fejn talab lill-Kunsill biex għal seduta oħra tinbidel il-ġurnata tas-seduta minħabba li ser ikun qed jattendi kors ta' Kana.
Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill ibiddel il-ġurnata tas-seduta għall-Kunsillier wieħed li ma jkunx jista jattendi, jkun irid ibiddel il-ġurnata għal drabi oħra meta kunsilliera oħra ma jkunux jistgħu jattendu. Għalhekk ma qabilx ma din it-talba u enfasizza li l-Kunsill għandu jżomm il-ġurnata tal-Erbgħa għas-seduti tal-Kunsill.

13.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet email mis-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM, fejn talbu:
*li l-etika titlob li l-Kunsill Lokali, bħala entita' responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-kalendaru, għandu joħroġ dikjarazzjoni fuq il-ħarġa li jmiss tal-Kunsill News biex jikkoregi pubblikament l-iżball li sar.*

Is-Sindku qal li l-Kunsill hu l-ogħla entita fil-lokal u m'għandu ikun imponut minn ħadd biex jagħmel kif jintalab. Kien hemm qbil li tali talba ma tintlaqax.

13.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv avviċinat Perit speċjalizzata minn restawr ta' postijiet storiċi, biex lill-Kunsill Lokali tatih stima għal restawr tan-niċċa ta' San Mikiel li tinsab fi Triq San Bartilmew.

L-istima tax-xogħol tal-perit, restawr u permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar tlaħħaq l-€5,100.

Wara diskussjoni kien hemm qbil li ssir l-applikazzjoni meħtieġa lill-Awtorita' tal-Ippjanar u l-Kunsill jagħti x-xogħol ta' preparazzjoni lill-Perit Audrey Anne Bonnici li hi speċjalizzata fil-qasam tar-restawr, biex tipproċedi bix-xogħol meħtieġ.
Kien hemm qbil li l-fondi tar-restawr jistgħu jinġibu minn fondi mogħtija mir-Reġjun Nofsinhar jew mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja.

F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 18:30)

13.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta mill Awtorita tal-Ippjanar biex il-Kunsill Lokali jaħtar persuna li tkun inkarigata mis-sistema l-ġdida online tal-awtorita'. Din il-persuna ser tkun ukoll inkarigata li tattendi għal-laqgħat/board meetings tal-awtorita'.
Kien hemm qbil li l-persuna maħtura tkun il-Kunsillier responsabbli – Dr Jean Pierre Attard.

13.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet stima ta' xogħol li hemm bżonn li jsir fir-rigward ta' dawl, madwar il-Mitħna tax-Xarolla. Tali dawl għandu ħsarat konsiderevoli u meta tagħmel ftit xita qed jisparkja u taqa is-*circuit breaker*. Hi qalet li l-istima għall-manutenzjoni u bdil tal-bozoz kollha għal LED tlaħħaq għal €3066.

Kien hemm qbil li li jsir ix-xogħol meħtieġ minn Nexos Lightning – il-kumpanija li għandha l-kuntratt mal-Kunsill.

13.4.6 Il-Viċi Sindku Rita Grima ressqet proposta li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex fil-11 u t-12 ta' Mejju, l-Kunsill Lokali jixgħel post b'kulur, blue, vjola jew aħdar biex jagħti sapport lil ME, CFS u lill-persuni li jsofru minn fibromyalgia.
Kien hemm qbil il-Kunsill jingħaqad ma' din il-kampanja u dawwal il-Mitħna tax-Xarolla b'dawl aħdar.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-iScouts biex jieħdu ħsieb ix-xogħol meħtieġ.

13.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' persuna li ila titlob għall-bozza ġdida fl-area ta' Guzman fi Triq il-Fulija.
Kien hemm qbil li minħabba li tali bozza ma tinvolvix ħafna flus minħabba li hemm il-cables għaddejjin, issir

l-ordni għax-xogħol.

13.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment li għamlu xi residenti minn Vjal l-Indipendenza biex issir speed camera/CCTV minħabba l-veloċita' eċċessiva li qed jgħaddu l-vetturi minnha.

Kien hemm qbil unanimu li tali talba ma tintlaqax minħabba li ma jarax il-bżonn li f'tali triq isir sewqan eċċessiv aktar minn toroq oħra fiż-Żurrieq.

### *13.5 PQ 2401 u 2402 (dok 2 mehmuż)*

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet Mistoqsijiet Parlamentari numru 2401 u 2402 :

- Peress li t-traffiku kollu li jkun għaddej minn Vjal l-Indipendenza lejn il-Mitħna tax-Xarolla jrid bil-fors jgħaddi minn Triq Gwann Camilleri, jista l-junction bejn dawn it-toroq jiġu ddisinjati biex ma jibqgħux ta' periklu għar-residenti li joqogħdu fl-akwata?

Kien hemm qbil unanimu li talbiet simili jridu jiġu indirizzati direttament lill-Transport Malta.

- Biex issir zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Gwann Zammit.

Kien hemm qbil li meta l-Kunsill Lokali talab biex isiru zebra crossings fi Vjal l-Indipendenza, ħadd mir-residenti ma riedha quddiem ir-residenza tiegħu, minħabba ostakolar ta' parkeġġ.

Ir-risposti ta' dawn il-mistoqsijiet parlamentari għandhom ikunu hekk kif mitkelma fis-seduta.

### *13.6 Attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq*

13.6.1 Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li ser jitkellem ukoll f'isem il-Kunsillier inkarigat mill-attivitajiet – Is-Sur Pierre Farrugia li llum jinsab assenti għas-seduta.

Is-Sindku qal li għal din is-sena l-attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq ser isiru fl-ewwel ta' Ġunju, 2016, fid-Day Centre, mis-19:30 'l quddiem - fejn ser jingħataw il-premijiet – Ċittadin Ewlieni u Ġieħ iż-Żurrieq u rikonoxximenti oħra. Għal din l-attivita' ser ikunu qed jagħmlu marċ l-iscouts taż-Żurrieq minflok waħda mill-baned tal-lokal minħabba l-ispejjeż kbar li kienu qed jiswew u minħabba li l-marċ li kien qed isir, kien qed

ikun sfurzat u ma jkunx hemm attendenza mir-residenti.

L-attivita' fid-Day Centre ġiet mitluba li ssir taħt il-patroċinju tal-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali, imma minħabba x-xogħol parlamentari għad ma kienx hemm konferma tal-attendenza tiegħu.

13.6.2 Is-Sindku nforma ukoll li l-Kunsill ingħata s-somma ta' €4,000 biex jintnefqu f'attivita' ta' Festa Ħut li ser issir il-Ħadd 5 ta' Ġunju, 2016,li x-xogħol ta' preparamenti għadhom għaddejjin.
Il-Kunsilliera David Abdilla u Tiffany Ann Farrugia nfurmaw li ma setgħux jattendu minħabba safar u studju rispettivament.

***13.7 Increament fis-salarju tal-Impjegat Omar Farrugia***

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-iskrivan Omar Farrugia jmissu jitla l-ewwel notch fl-iskala 15. Kien hemm qbil ma dan.

***13.8 Audited Financial Statements***

13.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Audited Financial Statements li ħejjiet l-accountant tal-Kunsill. Dawn ġew approvati biex jintbagħtu.

***13.9 Rapport Finanzjarju ta' Kull kwart – l-ewwel kwart***

13.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart li tħejja mill-accountant tal-Kunsill. Dan ġie approvat biex jintbagħat.

***13.10 Approvazzjoni:Xogħlijiet u Servizzi***

13.10.1 Il-Viċi Sindku Rita Grima ressqet talba ta' resident li talab li jsir rubber mal-barrier li tinsab fi Triq De Mello. Ma kienx hemm qbil fuq dan.

13.10.2 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet talba ta' resident li joqgħod fi Triq il-Barrieri u li minħabba li t-triq hi dejqa, meta jkun hemm il-vetturi pparkjati faċċata tal-garaxx, ma jkunx jista joħroġ u jidħol fil-garaxx. Il-Kunsillier qed titlob li jsiru double yellow lines faċċata ta' tali garaxx.

Kien hemm qbil li l-każ jiġi nveżtigat u tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

13.10.3 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ressqet talba biex isir dust bin f'Misraħ Santa Marija f'Bubaqra viċin il-

bankijiet, minħabba li qed ikun hemm ħafna skart. Kien hemm qbil li tali talba titressaq lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

13.10.4 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab biex jinqata' ħaxix fit-toroq mhux urbani fosthom Triq Ħal Far u s-side roads tagħha, u Triq San Tumas.
Kien hemm qbil li x-xogħol fi Triq Ħal Far, jingħata b'direct order lill-Kuntrattur tal-knies li għandu l-Kunsill u x-xogħol fi Triq San Tumas jingħata lill-ħaddiema tal-IPSL/ETC.

Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab ukoll biex jitnadda l-akwata tax-Xewki. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tad-Direttur tal-Indafa Pubblika s-Sur Ramon Deguara, fir-rigward.

13.10.5 Il-Kunsillier David Abdilla talab li ssir l-ordni għax-xogħol ta' refresh tas-central line ta' Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil fuq dan.

13.10.6 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab li jsir refresh ta' linji sofor fi Triq il-Midra. Kien hemm qbil li tali talba issir lill-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.

13.10.7 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex jelenka punti ta' burokrazija li jsib il-Kunsill biex iressaqhom waqt laqgħa msejħa apposta fil-11 ta' Mejju.

13.10.8 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li l-Kuntrattur Callus Landscaping, għalkemm ilu diġa xahrejn jaħdem fiż-Żurrieq, għadu ma ħawwilx fjura waħda u f'Bubaqra kien biss illum li għamel xi xogħol fi Triq San Martin.

Is-Sindku faħħar ix-xogħol li għamel l-istess kuntrattur fi Ġnien il-Ġibjun wara nuqqas ta' xogħol ta' sena sħieħa li ma kienx għamel il-kuntrattur Wastecollection Ltd. Hu żied jgħid li ħaddiem minn tal-ETC irnexxielu jqabbad il-pompa tal-ilma biex ikun jista jissaqqa Ġnien il-Ġibjun.

## *13.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

13.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€42,758.94.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia, mill-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Joseph D'Amato.

***13.12 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS***

13.12.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-19:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25ta' Mejju, 2016 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' Mejju, 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Ignatius Farrugia | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |